



7.9.2015

0035/2015

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sistema ta' nases Almadraba

**Clara Eugenia Aguilera García (S&D), Marco Affronte (EFDD), Izaskun Bilbao Barandica (ALDE), José Blanco López (S&D), Renata Briano (S&D), Soledad Cabezón Ruiz (S&D), Jonás Fernández (S&D), João Ferreira (GUE/NGL), Eider Gardiazabal Rubial (S&D), Sergio Gutiérrez Prieto (S&D), Ramón Jáuregui Atondo (S&D), Paloma López Bermejo (GUE/NGL), Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández (S&D), Lidia Senra Rodríguez (GUE/NGL), Ricardo Serrão Santos (S&D), Ángela Vallina (GUE/NGL), Miguel Viegas (GUE/NGL)**

Data ta' skadenza: 7.12.2015

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,  
dwar is-sistema ta' nases Almadraba<sup>1</sup>**

1. L-Almadraba hija waħda mill-eqdem metodi rrekordjati tas-sajd għall-qbid tat-tonn (bluefin).
2. Hija tirrispetta l-ambjent tal-baħar, minħabba n-natura staġjonali u lokali tagħha, l-istruttura ta' tagħmir passiv tas-sajd tagħha, il-konsum baxx tal-enerġija tagħha u l-produzzjoni ta' skart baxx tagħha.
3. Hemm raġunijiet oħra għall-impatt baxx tagħha fuq l-ambjent, bħalma huma ż-żmien qasir li l-ħut jibqa' maqbud, id-daqs tax-xibka, li jiżgura li jinżamm għal minimu l-qbid incidental u l-fatt li l-ħutiet maqbuda jkunu eżemplari adulti li jkunu digħi kibru u biedu.
4. Hija tiġġenera madwar 43 impjieg għal kull bastiment, meta mqabel ma' 10 impjiegi tal-bastimenti tas-sajd tat-tonn li jerfgħu bit-tartarun fil-Mediterran jew bastiment tas-sajd bil-konx tal-wiċċi li joperaw f'ilmijiet internazzjonali.
5. Il-Kunsill u l-Kummissjoni huma mistiedna jimplimentaw miżuri mmirati lejn il-protezzjoni tal-Almadraba.
6. Il-Kunsill u l-Kummissjoni huma mitluba wkoll li:
  - jikkunsidraw il-possibbiltà ta' kwota xjentifika addizzjonali għall-Almadraba sabiex jiġu vvalutati l-effetti tal-pjan ta' rkupru, li tiggarantixxi l-profitabbiltà finanzjarja tas-sajd;
  - jippermettu l-aċċess għal għotjiet ġodda u jippromwovu l-ħolqien ta' SMEs relatati mal-Almadraba, li jipprovd valur miżjud u impjiegi;
  - jappoġġaw l-inizjattiva li l-Almadraba tiġi inkluża fil-lista tal-Patrimonju Dinji tal-UNESCO.
7. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.